**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 1 ta' Marzu 2017**

**App. Nru. 453 / 2013 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Giuseppe Calleja**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Giuseppe Calleja, karta ta' l-identita` numru 662840(M), talli ġewwa r-Raħal Ġdid u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, fis-sena 2007 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti li kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

(1) b'egħmil żieni, ikkorrompa lill-persuni taħt l-eta` u cioe` lil A u B;

(2) eċċita, għin jew iffaċilita l-korruzzjoni ta' l-istess minuri u cioe` lil A u B;

(3) ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta` u cioe` ma' A u B;

(4) bħala ċittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, ġibed jew ippermetta li jinġibed xi ritratt, film, *video recording* jew xbieha elettronika indiċenti ta' persuna ta' taħt l-eta`, jew qassam

jew wera films, *video recordings* jew xbiehat elettroniċi indiċenti juru persuni taħt l-eta`, jew kiseb jew kellu fil-pussess tiegħu ritratt, film, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti juru persuni taħt l-eta`.

Il-Qorti ġiet mitluba illi tapplika l-provedimenti tal-liġi a terminu tal-artikolu 412C *et sequitur* tal-Kodiċċi Kriminali u toħroġ ordni ta' protezzjoni tenut kont tar-reati addebitati u ċ-ċirkostanzi ta' membru domestiku.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 203A, 208A u 208AC(2)(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imsemmi Giuseppe Calleja ħati tat-tieni (2) u tar-raba'(4) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tieghu salv li in kwantu jirrigwarda t-tieni (2) imputazzjoni huwa nstab ħati biss in kwantu din l-imputazzjoni hija riferibbli għal A, u kkundannatu sentejn (2) prigunerija. Il-Qorti ddikjaratu mhux hati tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu minnhom. Sabiex tiġi protetta l-identita` tal-minuri, ordnat id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri nvoluti f'dan il-każ u tal-familjari tagħhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni. Inoltre, l-ewwel Qorti, wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-istess Giuseppe Calleja jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Giuseppe Calleja, ippreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru 2013, fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma illi mhux ħati għall-ewwel u għat-tielet imputazzjonijiet u t-tieni u r-raba' fir-rigward ta' B, u tilliberah mit-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' A u mir-raba' imputazzjoni;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji tal-appellant Giuseppe Calleja qed jiġu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju huwa s-segwenti:

> "Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-artikolu 544 tal-Kap 9, fejn ghar-rigward tat-tieni akkuza u fil-konfront ta' A, kien hemm bzonn ta' kwerela. Fil-fatt l-Ewwel Qorti qalet li l-investigazzjoni beda mill-Pulizija u mhux mill-*parte civile*, A jew mill-familjari taghha. L-Ewwel Qorti qalet fis-sentenza li *'fil-mument li ghazlet li hija trid tixhed f'dawn il-proceduri kontra l-imputat u tkelmet mal-Pulizija dwar dak li kien gara allura kien fid-dover tal-Pulizija li tmexxi kontra l-imputat.'* L-elementi tal-artikolu 538 tal-Kodici Kriminali ta' kwerela huma fost l-ohrajn li l-kwerela trid issir 'lil kull ufficjal tal-Pulizija'. Fl-

artikolu ta' wara jigifieri fl-Artikolu 540, huwa d-dmir tal-Pulizija li meta tircievi r-'rapport, denunzja jew kwerela' ghandha tgharraf mill-aktar fis lill-Qorti tal-Magistrati (Malta). F'dan il-kaz partikolari ma sarx hekk. Il-Pulizija qatt ma rcevew rapport, denunzja jew kwerela, izda bil-kontra kellmu lil A sabiex tghinhom fl-investigazzjoni li kienu qed jaghmlu. Kif graw l-affarjiet il-Qorti kienet bir-rispett kollu zbaljata li tghid la l-pulizija kellmu lil A b'hekk huwa sufficjenti ghal kwerela, hija legalment inkorretta. Ma kien hemm l-ebda talba, hlief konferma li jekk tigi mharrka sabiex tixhed hi lesta tghid il-verzjoni li kienet qeghda taghti lill-pulizija."

**6.** L-ewwelnett jiġi osservat illi biex jittieħed proċediment għad-delitt kontemplat fl-artikolu 203A tal-Kodiċi Kriminali tinħtieġ il-kwerela tal-parti offiża. Dan hu hekk peress illi l-artikolu 203A jipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 203(2) u (3) jgħoddu, *mutatis mutandis*, għal delitt taħt l-imsemmi artikolu 203A. U l-artikolu 203(3) jipprovdi għall-ħtieġa tal-kwerela.

**7.** Issa f'dan il-każ f'ebda stadju ma ġiet preżentata xi kwerela f'forma ta' dokument – la da parti tal-minuri u lanqas da parti tal-ġenituri tagħha jew ta' xi ħadd ieħor kif provvdut fl-Artikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali. Dan il-fatt per se, pero`, ma jfissirx li ma kienx hemm kwerela – ġaladarba l-każ beda quddiem il-Qorti Istruttorja kien applikabbli s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 390 tal-Kap 9 li jipprovdi li "jekk matul il-kumpilazzjoni l-imputat ma jitlobx u l-qorti *ex officio* ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-liġi". Fil-fatt minn eżami li din il-Qorti għamlet ta' l-atti, minn imkien ma jirriżulta li l-appellant (allura imputat) talab li ssir il-prova tal-kwerela. U minn imkien ma jirriżulta li l-ewwel Qorti ordnat li ssir tali prova. Di piu`, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, "fil-mument li A għażlet li hija trid tixhed f'dawn il-proċeduri kontra l-imputat u tkellmet mal-Pulizija dwar dak li kien ġara allura kien fid-dover tal-Pulizija li tmexxi kontra l-imputat".

**8.** Għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**9.** It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa s-segwenti:

"Illi t-tieni aggravju jikkonsisti mill-fatt li l-Art. 208A tal-Kap 9 li jittratta dwar access permezz ta' teknologija ta' komunikazzjoni ghal materjal indecenti li juri persuni taht l-eta`, kien mizjud fil-Kodici Kriminali permezz ta' l-Att XXXI 2007 tal-31 ta' Dicembru 2007. Mill-provi prodotti l-allegati fatti graw fi Frar 2005. Il-*computer* kien elevat mill-pulizija f'Awwissu 2007. Bhala rizultat l-akkuza ma tistax tkun applikabbli stante li l-akkuza ma kienx *in vigore* fiz-zmien meta l-allegat reat kien gie kommess, l-istess ghall-aggravju ta' l-Art. 208AC li ddahhal permezz tal-Att VII tal-2010 li ghalhekk zgur ma jistax japplika. Minkejja dan l-appellant instab hati mill-Ewwel Qorti meta din l-eccezzjoni kienet giet sollevata."

**10.** L-artikolu 208A tal-Kodiċi Kriminali ġie introdott permezz ta’ l-Att III tas-sena 2002 u mhux bl-Att XXXI tas-sena 2007. Is-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu ġie sostitwit bl-Att XXXI tas-sena 2007. Ir-raba’ imputazzjoni ġiet imsejsa fuq is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 208A kif kien meta ġie oriġinalment introdott permezz ta’ l-Att III tas-sena 2002. Mill-banda l-oħra l-artikolu 208AC ġie introdott permezz ta’ l-Att VII tas-sena 2010. Għalhekk, filwaqt illi r-raba’ imputazzjoni kif imsejsa hi applikabbli (u għalhekk hija applikabbli l-piena allura viġenti), mhuwiex applikabbli l-artikolu 208AC.

**11.** L-artikolu 208A(1) oriġinali kien jipprovdi hekk:

> **“Kull ċittadin jew resident permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f’Malta, li jiġbdu jew jippermettu li jinġibed xi ritratt,film, *video recording*, jew xbieha elettronika indiċenti ta’ persuna ta’ taħt l-eta`, jew iqassmu jew juru ritratt, film, *video recording* jew xbieha elettronika indiċenti bħal dawn, jew ikollhom fil-pussess tagħhom ritratt, film, *video recording* jew xbieha elettronika indiċenti bħal dawn, jeħlu, meta jinsabu ħatja, il-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta’ mhux iżjed minn mitejn lira, jew dik il-priġunerija u multa flimkien.”**

**12.** Jidher illi l-ewwel Qorti ma bbażatx il-piena li mponiet fir-rigward tar-raba’ imputazzjoni fuq dik viġenti meta seħħ ir-reat in kwistjoni. Difatti rreferiet ukoll għall-artikolu 208AC(2)(a), liema artikolu 208AC jaggrava l-piena fejn, *inter alia,* il-minuri tkun taħt il-ħmistax-il sena. Difatti l-piena fejn jirriżultaw ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 208AC, tiżdied bi grad jew żewġ gradi. Peress illi, kif ingħad (*supra* para. 10) l-artikolu 208AC ġie introdott wara li seħħ ir-reat in kwistjoni, irid ikun hemm neċessarjament temperament fil-piena.

**13.** Matul it-trattazzjoni saret talba sabiex l-appellant, f’każ li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija, tapplika xi piena alternattiva u mhux dik ta’ priġunerija effettiva, u dan prinċipalment in vista ta’ l-eta` avvanzata ta’ l-appellant. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni biex tagħmel dan. Huwa kien konxju ta’ dak li kien qiegħed jagħmel. Ċertament kien matur biżżejjed biex jirrejalizża li kien qiegħed jikser il-liġijiet tal-pajjiz u li b’dak li kien qiegħed jagħmel seta’ jwassal biex jittrawmatiżża serjament il-vittmi tiegħu. Huwa uża l-qerq sabiex japprofitta ruħu mill-inġenwinita` ta’ minorenni. Konsegwentement ma tqisx li huwa l-każ li tingħata piena alternattiva. Kull ma tista’ tagħmel din il-Qorti hu li tittempera l-piena minħabba li l-piena fil-perijodu in kwistjoni kienet konsiderevolment anqas minn dik issa viġenti.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għall-piena ta’ sentejn priġunerija u minflok tikkundannah għall-piena ta’ sena u tliet xhur priġunerija. Tikkonferma s-sentenza appellat fil-bqija.